# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis**
**Tmienja u għoxrin (28) ta' Settembru 2023**

**Rikors Numru 503/2011 FDP**

Fl-ismijiet

**Boris Arcidiacono Limited**
**(C 16463)**

**Vs**

**HSBC Bank Malta plc u,**
**b'digriet tal-20 ta' Ġunju 2012, ġie kjamat in kawża Dr Adrian Delia**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 23 ta' Mejju 2011, li permezz tiegħu s-soċjeta' rikorrenti talbet is-segwenti:

    1. *Il-kumpanija attriċi għandha u kellha dejjem fl-imgħoddi faċilitajiet bankarji mal-bank konvenut. Fl-1 ta' Ġunju. 2009 sar kuntratt fil-Legal Office Contract Centre tal-istess bank fejn ġew imħallsa diversi kredituri skont kif kien indikat lill-istess bank u l-iskop illi jgħatih għalih kienet qed tittieħed faċilita mill-istess bank.*

    2. *Illi wara illi għadda ċertu żmien, l-esponenti nduna illi l-bank kien iddebitalu l-kont b'sitta u tmenin elf, mitejn u għaxar ewro (€86,210) b'ċekk numru 20368 maħruġ favur Dr. Adrian Delia LL.D. Dr. Adrian Delia kellu retainer agreement u għalhekk imħallas skont ir-retainer mal-kumpanija*

3. *Illi la huwa u la ebda persuna ma awtorizzat tali pagarnent ta' dan l-ammont lil Dr. Adrian Delia u għalih kienet res inter alios acta bejn il-bank u Dr. Delia.*

4. *Illi meta huwa ottjena kopja taċ-ċekk relattiv, kemm minn quddiem u kemm minn wara, lanqas hemm fejn issarraf l-istess ċekk u mil-liema branch tal-bank ġie imsarraf jew għall-inqas depożitat.*

5. *Illi l-ammont qatt ma kien dovut u l-bank bl-ebda mod ma kien awtorizzat illi joħroġ dan iċ-ċekk u sussegwentement jiddebita l-kont ta' Boris Arcidiacono Limited.*

6. *Boris Arcidiacono ripetutament talab illi dan id-debitu fuq il-kont tiegħu jiġi ikkanċellat u ma' dan jitħassru wkoll l-interessi illi l-bank unilateralment kien qiegħed jimmatura fuq l-istess ammont. Saret Ittra Uffiċjali f'Awissu 2010.*

7. *Illi sussegwentement saru diversi inkontri bejn il-bank konvenut u Boris Arcidiacono ħalli jiġi b'xi mod ġustifikat l-aġir u jintwera dokument, peress illi l-banek jaħdmu fuq il-prova bil-miktub, liema dokument kien hemm illi jawtorizza tali pagament.*

8. *Illi wara dan kollu, l-bank konvenut iddeċieda li jwaqqaf il-faċilitajiet u jneħħi lil Boris Arcidiacono Limited minn klijent tal-istess bank.*

9. *Illi l-esponenti jibqa' jinsisti illi huwa ma awtorizzax li jitħallas dak l-ammont, ma kellux jitħallas, lanqas kien hemm xi taxxa jew qbil dwaru, u għalhekk il-bank huwa responsabbli illi jħassar dak id-debitu nklużi l-imgħaxijiet. Minħabba l-aġir tal-bank l-esponenti sofra wkoll danni li qed jirriserva l-azzjoni dwarhom.*

*Kawżali*

1. *Peress illi fiċ-ċirkostanzi u fatti ġuramentati ġia msemmija l-bank konvenut qabad u iddebita l-kont tal-kumpanija attriċi bl-ammont ta' sitta u tmenin elf, mitejn u għaxar ewro (€86,210) u dana mill-1 ta' Ġunju 2009 kif ukoll qiegħed dejjem iżid l-imgħaxijiet fuq l-istess ammont.*

2. *Peress illi l-kumpanija attriċi qatt ma awtorizzat jew talbet illi jsir tali ħlas lil Dr. Adrian Delia LL.D. għas-servizzi professjonaii tiegħu meta dan fil-fatt kellu retainer agreement u fi kwalunkwe każ dak l-ammont ma setax kien dovut lanqas skont it-tariffa applikabbli għall-avukati skont il-Kap 12.*

3. *Peress illi lanqas jirriżulta mill-kopja taċ-ċekk fil-pussess tal-kumpanija attriċi fejn issarraf l-istess ċekk jew f'liema kont tqiegħed u għalhekk il-kont tiegħu seta' jiġi indebitat) u ma hemm l-ebda raġuni valida fil-liġi, li jidħol id-debitu msemmi fil-kont tal-kumpanija attriċi.*

4. *Peress illi l-agir tal-bank magħmul unilateralment arreka dannu u qed jarreka danni lill-kumpanija attriċi.*

*Talbiet*

*Jgħid il-bank konvenut għala din l-Onorabbli Qorti, prevja kull dikjarazzjoni meħtieġa u mogħti kull provvediment opportun, m'għandhiex:*

1. *Tordna lill-istess bank illi jikkanċella għar-raġunijiet premessi id-debitu ta' sitta u tmenin elf, mitejn u għaxar ewro (€86,210) addebitat lill-kont tal-kumpanija attriċi fl-1 ta' Ġunju, 2009, kif ukoll jiġu kkanċellati l-imgħaxijiet kollha illi l-bank konvenut jippretendi li mmaturaw mill-1 ta' Ġunju 2009 sad-data effettiva tat-tħassir tal-istess ammont.*

2. *Tiddikjara lill-bank konvenut responsabbli għad-danni sofferti u li qed issofri l-kumpanija attriċi.*

*Bl-ispejjeż kontra l-bank konvenut minn issa nġunt għas-subizzjoni. Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-Ittra Uffiċjali ta' Awissu 2010 u bl-inġunzjoni tal-istess bank konvenut.*

2. Rat illi fil-25 ta' Lulju 2011, il-Bank intimat laqa' għal dak mitlub billi qajjem is-segwenti difiża:

   1. *Illi permezz ta' sanction letter tal-24 ta' Frar 2009, il-Bank konvenut approva t-talba tas-soċjeta' attriċi biex tingħata self għall-iskop li ġie infraskritt fl-istess ittra u ċioe .... "to finance the out of court settlement with respect to dispute regarding the Msida premises, meet legal fees/court fees and stamp duty, settle the amount due to Mr. Renato and Mrs. Antoinette Arcidiacono, clear overdue payments to Inland Revenue for payee and Company tax and carry out minor refurbishment works at the Msida premises."*

   2. *Illi din I-ittra ġiet pjenament aċċettata mis-soċjeta' attriċi tramite Boris Arcidiacono fis-6 ta' Mejju 2009.*

   3. *Illi in segwtu u konformament mat-termini tal-imsemmija sanction letter sar l-att notarili sabiex jiġi avvanzat is-self ta' €800,000 fl-1 ta' Ġunju 2009 fl-atti tan-Nutar Pubbliku Rita Sammut.*

   4. *Illi dak in-nhar tal-kuntratt ta' self il-Bank approva l-ħruġ ta' numru ta' ċekkijiiet sabiex jiġu saldati numru ta' pretensjonijiet ta' kredituri tas-soċjeta' attriċi. Billi l-Bank ma kellu ebda indikazzjoni li kien hemm xi kontestazzjoni jew xi riserva fil-konfront ta' l-kont li ġie preżentat mill-avukat ta' fiduċja tal-istess soċjeta' attriċi, Dottor Adrian Delia, l-Bank ipproċeda biex joħroġ ċekk bankarju sabiex jitħallsu d-drittijiet legali u professjonali tal-Avukat Dottor Adrian Delia fis-somma ta' € 86,210.00. Il-ħlas ta' dan l-ammont permezz ta' ċekk maħruġ mill-Bank sar ukoll fid-data tal-kuntratt ta' self kif saru pagamenti oħra lil kredituri oħrajn u fil-*

*presenza ta' Boris Arcidiacono fuq struzzjonijiet mogħtija minnu u/jew mill-Avukat ta' fiduċja tiegħu.*

5. *Illi fl-1 ta' Lulju 2009 ġiet imġedda s-Sanction Letter tal-Bank u din ġiet debitament aċċettata kif tixhed il-firma ta' Boris Arcidiacono fit-13 t'Awissu 2009. Minn dan id-dokument jidher illi s-soċjeta' attriċi aċċettat u rrikonoxxiet illi l-faċilitajiet bankarji li kellha s-soċjeta' attriċi kienu jinkludu fosthom "Loan 07 Existing €793,996 (Unutilised Balance € 20,142)". Dan l-ammont ta' €793,996 jirrappreżenta t-total taċ-ċekkijiet maħruġa fuq il-kuntratt tal-ewwel ta' Ġunju 2009 inkluż għalhekk iċ-ċekk ta' €86,210.00 mertu ta' din il-kawża waqt li l-bilanċ mhux miġbud ta' €20,142.00 jirrapreżenta riserva mħollija biex isiru xogħolijiet fix-showroom tal-Imsida, wara li kienu tħallsu parzjalment id-drittijiet legali miftehma mal-Avukat Adrian Delia. Ser jirriżulta mix-xhieda illi Dr Adrian Delia ntalab li ma jitħallasx l-ammont kollu miftiehem bħala success fee mal-kuntratt għal dan il-għan.*

6. *Illi mal-pagament lil Dottor Delia inħarġu irċevuti fiskali li jkopru l-ammont imħallas minn Boris Arcidiacono Ltd lil Aequitas Management Ltd u lil Aequitas Legal iżda Boris Arcidiacono oġġezzjona għal dawn l-irċevuti kif maħruġa u insista li l-ammont kollu jkun kopert minn irċevuti fiskali maħruġa biss minn Aequitas Legal u saret talba bil-miktub għal dan il-għan. Fil-fatt inħarġet riċevuta fiskali oħra minn Aequitas Legal għas-somma ta' € 37,760 biex magħduda mar-riċevuta l-oħra ġia maħruġa minn Aequitas Legal, l-ammont intier ta' € 86,210 kien b'hekk kopert b'irċevuti fiskali maħruġa minn Aequitas Legal kif fil-fatt talab espressament Boris Arcidiacono.*

*Illi abbażi tal-fatti hawn fuq premessi il-Bank konvenut jeċċepixxi :-*

1. *Illi t-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt billi l-pagament in kwistjoni ta' € 86,210 magħmul favur Dottor Adrian Delia sar konformament mal-ftehim milħuq bejn is-soċjeta' attriċi u l-Bank konvenut sabiex jingħata self adegwat sabiex ikopri inter alia l-ħlas ta' drittijiet legali u professjonali tas-soċjeta' attriċi u li fuq kollox jirriżulta illi l-pagament sar fil-presenza ta' Boris Arcidiacono dakinhar stess li sar il-kuntratt tas-self. Għalhekk mhuwiex minnu illi tali pagament sar mingħajr ebda awtorizzazzjoni tas-soċjeta attriċi.*

2. *Illi in kwantu illi s-soċjeta' attriċi tilmenta illi dan il-pagament li tħallas lill-Avukat Delia ma kienx dovut jew li seta' kien eċċessiv billi kien hemm bejn il-partijiet retainer agreement u li fi kwalunkwe każ kien in eċċess tat-tariffa applikabbli, dan il-kawżali mhuwiex opponibbli fil-konfront tal-Bank konvenut billi ma kienx il-kompitu jew l-obbligu tal-Bank li jivverifika l-bażi tad-drittijiet professjonali dovuti aktar u aktar f'ċirkostanzi fejn kien evidenti illi s-soċjeta' attriċi kienet taf bit-talba li saret minn Dottor Adrian Delia kif ukoll bil-pagament li kien qed issir lil Dottor Delia fil-presenza ta' Boris Arcidiacono.*

3. *Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-premess, il-fatt illi l-istess soċjeta' attriċi talbet li tinħareġ irċevuta fiskali waħda minn Aequitas Legal għall-ammont in kwistjoni hija prova tal-aċċettazzjoni u/jew tar-ratifika dwar l-istess pagament bil-konsegwenza li s-soċjeta' attriċi ma għandha l-ebda bażi legali li titlob rifużjoni tal-ammont indikat fil-konfront tal-Bank kif mitlub.*

4. *Illi fi kwalunkwe każ għandu jissejjaħ fil-kawża Dottor Adrian Delia.*

5. *Illi jsegwi illi t-talba sabiex jiġi dikjarat illi l-Bank konvenut huwa responsabbli għad-danni mhijiex legalment u fattwalment fondata.*

6. *Illi f'kull każ it-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.*

3. Rat id-dokumentazzjoni ppreżentata mill-partijiet mal-atti fuq imsemmija.

4. Rat illi fis-6 ta' Ġunju 2012, is-soċjeta' intimata HSBC Bank Malta plc talbet il-kjamat in kawża ta' Dr Adrian Delia, liema talba ġiet milqugħa fl-20 ta' Ġunju 2012 (fol 116).

5. Rat illi fis-7 ta' Mejju 2013, il-kjamat fil-kawża Dr Adrian Delia ippreżenta risposta fejn qajjem is-segwenti difiżi:

1. *Illi preliminarjament huwa jwieġeb illi mhuwiex leġittimu kuntradittur għat-talbet attriċi u dan, fost l-oħrajn, kif dettaljatament spjegat fir-risposta ippreżentata nhar il-11 ta' Ġunju, 2012 mis-soċjetà attriċi innifisha għar-rikors ippreżentat nhar is-6 ta' Ġunju, 2012 mis-soċjetà bankarja konvenuta permezz ta' liema talbet illi l-esponenti jissejjaħ fil-kawża. Għaldaqstant, il-kjamata in kawża ta' l-esponenti saret inutilment;*

2. *Illi fil-mertu t-talbiet attriċi ma jistgħu qatt jiġu sostnuti kontra l-esponenti peress illi l-esponenti ma jistax jagħmel dak mitlub fit-talbiet attriċi, lanqas jekk jintlaqgħu, ossija la jista' jikkanċella l-ammont addebitat lill-kont bankarju tas-soċjetà attriċi, la jista' jikkanċella l-imgħaxijiet u lanqas jista' jiġi dikjarat responsabbli għal danni meta l-kundanna qiegħda tintalab kontra s-soċjetà bankarja konvenuta kaġun tal-allegat aġir tagħha;*

3. *Illi fil-mertu wkoll, l-esponenti jwieġeb illi in vista ta' dak kollu hawn fuq espost hija s-soċjetà bankarja konvenuta li għandha twieġeb għall-aġir tagħha, mhux l-esponenti, u dana peress ukoll illi r-relazzjoni bankarja bejn is-soċjetà attriċi u s-soċjetà konvenuta hija res inter alios acta;*

4. *Illi fil-mertu wkoll, iżda sussidjarjament u jekk dina l-Onorabbli Qorti b' xi mod tiddeċiedi li t-talbiet attriċi huma opponibbli kontra tiegħu, huwa jopponi tali talbiet bħala kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt;*

5. *Salv risposta ulterjuri jekk ikun il-każ.*

*Bl-ispejjeż u bl-inġunzjoni tal-partijiet l-oħra in subizzjoni.*

6. Rat illi permezz ta' rikors datat 24 ta' Jannar 2020, is-soċjeta' rikorrenti talbet il-kjamata fil-kawża tas-soċjetajiet Aequitas Legal u AE Management Limited (fol 850), liema talba ġiet opposta mis-soċjeta' intimata HSBC Bank Malta plc u l-kjamat in kawża Dr Adrian Delia fil-11 ta' Frar 2020 u miċħuda mill-Qorti fis-26 ta' Frar 2020.

## PROVI

7. Rat illi fuq medda ta' ħamsa u tmenin seduta (58) bejn is-16 ta' Novembru 2011 u l-20 ta' Jannar 2022 tressqu s-segwenti provi:

i. Xhieda ta' Dr Eric Mamo mogħtija fis-6 ta' Marzu 2012.
ii. Xhieda ta' Dr Eric Mamo mogħtija fis-6 ta' Ġunju 2012.
iii. Affidavit ta' Boris Arcidiacono ippreżentat fis-6 ta' Marzu 2012.
iv. Xhieda ta' Dr Vincent Falzon mogħtija fit-3 ta' Ottubru 2013.
v. Xhieda ta' Joseph Schembri mogħtija fit-3 ta' Ottubru 2013.
vi. Affidavit ta' Horace Cachia ippreżentat fil-11 ta' Ottubru 2013.
vii. Xhieda ta' Dr Sylvana Demicoli mogħtija fid-9 ta' Jannar 2014.
viii. Nota b'dokumenti ippreżentata fit-13 ta' Jannar 2014.
ix. Xhieda ta' Dr Eric Mamo mogħtija fis-6 ta' Marzu 2014.
x. Affidavit ulterjuri ta' Boris Arcidiacono ippreżentat fit-13 ta' April 2014.
xi. Xhieda ta' Joseph Cordina mogħtija fl-14 ta' Mejju 2014.
xii. Xhieda ta' Dr Eric Mamo mogħtija fil-5 ta' Marzu 2015.
xiii. Xhieda ta' Dr Vincent Falzon mogħtija fit-13 ta' Mejju 2015.
xiv. Xhieda ta' Dr Vincent Falzon mogħtija fit-23 ta' Ġunju 2015.
xv. Xhieda ta' Robert Delezio mogħtija fit-23 ta' Ġunju 2015.
xvi. Xhieda ta' Robert Delezio mogħtija fil-11 ta' Novembru 2015.
xvii. Xhieda ta' Dr Ethelbert Fenech Adami mogħtija fil-5 ta' Mejju 2016.
xviii. Nota b'dokumentazzjoni ippreżentata fil-5 ta' Mejju 2016.
xix. Xhieda ta' Dr Ethelbert Fenech Adami mogħtija fil-21 ta' Ġunju 2016.
xx. Xhieda ta' Dr Eric Mamo mogħtija fil-11 ta' Ottubru 2016.
xxi. Xhieda ta' Anna Camilleri mogħtija fil-21 ta' Frar 2017.
xxii. Xhieda ta' Audrey Ghigo mogħtija fil-21 ta' Frar 2017.
xxiii. Xhieda ta' Dr Paula Mifsud Bonnici mogħtija fit-23 ta' Marzu 2017.
xxiv. Xhieda ta' Eugenio Schembri mogħtija fit-23 ta' Mejju 2017.
xxv. Xhieda ta' Marlene Grech mogħtija fit-23 ta' Mejju 2017.
xxvi. Xhieda ta' Audrey Ghigo mogħtija fit-23 ta' Mejju 2017.
xxvii. Xhieda ta' Audrey Ghigo mogħtija fis-26 ta' Ottubru 2017.
xxviii. Xhieda ta' Dr Sylvana Zammit Demicoli mogħtija fis-26 ta' Ottubru 2017.
xxix. Xhieda ta' Anna Camilleri mogħtija fis-7 ta' Frar 2018.
xxx. Xhieda ta' Dr Joseph Sammut mogħtija fis-7 ta' Frar 2018.
xxxi. Xhieda ta' Dr Sylvana Zammit Demicoli mogħtija fis-17 ta' April 2018.
xxxii. Xhieda ta' Andrew Beane mogħtija fis-17 ta' April 2018.
xxxiii. Xhieda ta' Nicholas Fertakis mogħtija fis-17 ta' April 2018.
xxxiv. Xhieda ta' Dr Adrian Delia mogħtija fil-31 ta' Mejju 2018.
xxxv. Affidavit ulterjuri ta' Boris Arcidiacono ippreżentat fis-17 ta' Ottubru 2019.
xxxvi. Xhieda tan-Nutar Rita Sammut Ganado mogħtija fl-10 ta' Novembru 2020.
xxxvii. Xhieda ta' Godwin Farrugia mogħtija fl-10 ta' Novembru 2020.
xxxviii. Xhieda ulterjuri ta' Dr Adrian Delia mogħtija fis-27 ta' Jannar 2021.
xxxix. Affidavit ta' James Farrugia, ippreżentat fis-26 ta' Mejju 2021.
xl. Affidavit ta' Ruth Seychell, ippreżentat fis-26 ta' Mejju 2021.

xli. Xhieda ta' Ruth Seychell mogħtija fid-19 ta' Ottubru 2021.
xlii. Xhieda ta' James Farrugia mogħtija fid-19 ta' Ottubru 2021.
xliii. Xhieda ulterjuri ta' Dr Adrian Delia mogħtija fl-20 ta' Jannar 2022.

8. Jirriżulta wkoll illi, fl-istess perjodu, ġew ippreżentati s-segwenti dokumentazzjoni quddiem il-Qorti:

A. Dokumenti ippreżentati fil-25 ta' Lulju 2012 mis-soċjeta' intimata:

1. Sanction Letter HSBC datata 24 ta' Frar 2009.
2. Kuntratt bejn HSBC u Boris Arcidiacono Limited datat 1 ta' Ġunju 2009.
3. Sanction Letter HSBC datata 1 ta' Lulju 2009.
4. Ittra Uffiċjali Boris Arcidiacono Ltd kontra HSBC datata 21 ta' Frar 2010.
5. Ittra Uffiċjali Boris Arcidiacono Ltd kontra HSBC datata 24 ta' Awissu 2010.
6. Ittra Uffiċjali minn HSBC lil Boris Arcidiacono Ltd datata 9 ta' Settembru 2010.
7. Ittra Legali minn Boris Arcidiacono Ltd lil Richard Cottell (HSBC) datata 23 ta' Marzu 2011.
8. Ittra Legali minn Dr Adrian Delia lil Dr Eric Mamo (HSBC) datata 28 ta' April 2011.
9. Invoice Nru T 11/09 maħruġa minn Aequitas Management Limited lil Boris Arcidiacono Limited datata 25 ta' Ġunju 2019 fl-ammont ta' €48,450.
10. Invoice Nru T 6778 maħruġa minn Aequitas Legal lil Boris Arcidiacono Limited datata 2 ta' Settembru 2009 fl-ammont ta' €48,450.
11. Invoice Nru T 6683 maħruġa minn Aequitas Legal lil Boris Arcidiacono Limited datata 23 ta' Ġunju 2009 fl-ammont ta' €37,760.
12. Minuti ta' laqgħa bejn il-partijiet fl-uffiċju tal-HSBC fl-4 ta' Frar 2011.

B. Dokumenti esebiti mix-xhud Dr Eric Mamo fis-6 ta' Marzu 2012:

i. Deposit Voucher tal-HSBC datat 3 ta' Ġunju 2009 ta' €86,210 ġo kont intitolat 'Dr Adrian Delia – Clients Account'.
ii. Ċekk tal-HSBC Nru 020368 maħruġ mil-Legal Office – Contract Centre, fl-ammont ta' €86,210 datata 1 ta' Ġunju 2009 a favur ta' Dr Adrian Delia.

C. Dokumenti eżebiti mix-xhud Dr Eric Mamo fis-6 ta' Ġunju 2012:

1. Ittra Legali minn Dr Adrian Delia lil Dr Eric Mamo (HSBC) datata 28 ta' April 2011 (ĠIA EŻEBITA)
2. Ittra datata 10 ta' Awissu 2009 minn Boris Arcidiacono Limited lil Aequitas Management Ltd biex invoice T 11/09 tinbidel biex tinħareġ minn Aequitas Legal.
3. Ċekk tal-HSBC Nru 020368 'Placed to Credit HSBC' datat 6/4/09 (presumibbilment data f'format amerikan u mhux kontinentali).
4. Sanction Letter HSBC datata 1 ta' Lulju 2009. (ĠIA EŻEBITA)

D. Dokumenti eżebiti flimkien mal-affidavit ta' Boris Arcidiacono fis-6 ta' Marzu 2012.

1. Ittra minn Boris Arcidiacono lil Robert Delezio (HSBC) datata 19 ta' Diċembru 2008 għall-faċilita' ta' €750,000.

2. Ittra minn Boris Arcidiacono lil Robert Delezio (HSBC) datata 10 ta' Jannar 2009 għall-faċilita' ta' €800,000.
3. Invoice Nru T 6778 maħruġa minn Aequitas Legal lil Boris Arcidiacono Limited datata 2 ta' Settembru 2009 fl-ammont ta' €48,450. (ĠIA EŻEBITA).
4. Invoice Nru T 11/09 maħruġa minn Aequitas Management Limited lil Boris Arcidiacono Limited datata 25 ta' Ġunju 209 fl-ammont ta' €48,450 (ĠIA EŻEBITA).
5. Ċekk tal-HSBC Nru 020363 maħruġ mil-Legal Office – Contract Centre, fl-ammont ta' €524,109 datat 1 ta' Ġunju 2009 a favur ta' Carmen Gatt Baldacchino.
6. Ċekk tal-HSBC Nru 020364 maħruġ mil-Legal Office – Contract Centre, fl-ammont ta' €24,911.73 datat 1 ta' Ġunju 2009 a favur ta' Horace Cachia.
7. Ċekk tal-HSBC Nru 020365 maħruġ mil-Legal Office – Contract Centre, fl-ammont ta' €43,155.80 datat 1 ta' Ġunju 2009 a favur ta' Dr Richard Galea Debono.
8. Ċekk tal-HSBC Nru 020366 maħruġ mil-Legal Office – Contract Centre, fl-ammont ta' €72,000 datat 1 ta' Ġunju 2009 a favur ta' Kummissarju tat-Taxxi.
9. Ċekk tal-HSBC Nru 020367 maħruġ mill-Legal Office – Contract Centre, fl-ammont ta' €29,471.40 datat 1 ta' Ġunju 2009 a favur ta' Dr Vincent Falzon.
10. Ċekk tal-HSBC Nru 020368 maħruġ mill-Legal Office – Contract Centre, fl-ammont ta' €86,210 datat 1 ta' Ġunju 2009 a favur ta' Dr Adrian Delia (ĠIA EŻEBIT).
11. Ittra Uffiċjali Boris Arcidiacono Ltd kontra HSBC datata 24 ta' Awissu 2010. (ĠIA EŻEBIT).
12. Ittra minn Boris Arcidiacono lil Alan Richards (HSBC) datata 11 ta' Awissu 2010.
13. Ittra minn Boris Arcidiacono lil Alan Richards (HSBC) datata 22 ta' Settembru 2010.
14. Ittra Legali minn Boris Arcidiacono Ltd lil Richard Cottell (HSBC) datata 23 ta' Marzu 2011 (ĠIA EŻEBITA).
15. Ittra minn Richard Cottell (HSBC) lil Boris Arcidiacono datata 3 ta' Mejju 2011.
16. Ittra minn Boris Arcidiacono lil Richard Cottell (HSBC) datata 4 ta' Lulju 2011.
17. Kopja parzjali ta' Rapport tal-KPMG datat 24 ta' Novembru 2010.
18. Ittra minn HSBC lis-soċjeta' Boris Arcidiacono Limited datat 14 ta' Ġunju 2011.
19. Ittra Uffiċjali Boris Arcidiacono Ltd kontra HSBC datata 21 ta' Frar 2010. (ĠIA EŻEBITA)
20. Statement tal-Loan Account 085-043404-305 sas-26 ta' Ġunju 2009.

E. Dokumenti eżebiti mis-soċjeta' rikorrenti fit-3 ta' Ottubru 2013 b'nota.

1. Annual Report ta' Boris Arcidiacono Limited għas-sena 2009.

F. Dokumenti eżebiti flimkien mal-affidavit ta' Horace Cachia.

1. Skrittura privata ta' ftehim bejn Boris Arcidiacono u Horace Cachia datata 1 ta' Ġunju 2009.
2. Ċekk tal-HSBC Nru 020364 maħruġ mil-Legal Office – Contract Centre, fl-ammont ta' €24,911.73 datat 1 ta' Ġunju 2009 a favur ta' Horace Cachia (ĠIA EŻEBIT).

G. Dokumenti eżebiti mis-soċjeta' rikorrenti fit-13 ta' Jannar 2014 b'nota.

1. Ittra Uffiċjali Boris Arcidiacono Ltd kontra HSBC datata 24 ta' Awissu 2010. (ĠIA EŻEBITA).
2. Ittra Uffiċjali minn Arcidiacono Limited u Barc Co Limited lil HSBC datata 4 ta' Ġunju 2012.
3. Ittra Uffiċjali minn Boris Arcidiacono Limited lil HSBC datata 13 ta' Settembru 2012.
4. Ittra Uffiċjali minn Boris Arcidiacono lil HSBC datata 13 ta' Settembru 2012.

H. Dokumenti eżebiti flimkien mal-affidavit ulterjuri ta' Boris Arcidiacono tat-13 ta' Mejju 2014.

1. Retainer agreement datat 6 ta' Diċembru 2007 bejn Aequitas Legal u Boris Arcidiacono għal perjodu bejn Jannar u Diċembru 2008.
2. Invoice Nru SR 5669 maħruġ minn Aequitas Legal datat 21 ta' Diċembru 2007 għal-perjodu Jannar sa Marzu 2008 fl-ammont ta' Lm1,416.
3. Ċekk HSBC Nru 3411 maħruġ a favur ta' Aequitas Legal datat 14 ta' Diċembru 2007 fl-ammont ta' Lm1,200.
4. Ċekk HSBC Nru 3413 datat 27 ta' Diċembru 2007 fl-ammont ta' Lm216.
5. Riċevuta Fiskali maħruġa minn Aequitas Legal datata 27 ta' Diċembru 2007 fl-ammont ta' Lm1,416.
6. Invoice Nru SR 5833 maħruġ minn Aequitas Legal datat 31 ta' Marzu 2008 għal-perjodu April sa Ġunju 2008 fl-ammont ta' Lm1,416.
7. Bank Transfer datat 15 ta' April 2008 fl-ammont ta' Lm1,416.
8. Riċevuta Fiskali maħruġa minn Aequitas Legal datata 18 ta' April 2008 fl-ammont ta' Lm1,416.
9. Invoice Nru SR 6202 maħruġ minn Aequitas Legal datat 17 ta' Settembru 2008 għall-perjodu Lulju sa Settembru 2008 fl-ammont ta' €2,795.25.
10. Bank Transfer datat 15 ta' Settembru 2008 fl-ammont ta' €2,795.25.
11. Invoice Nru SR 6202 maħruġ minn Aequitas Legal datat 17 ta' Settembru 2008 u mmarkat 'Paid'.
12. Invoice Nru SR 6426 maħruġ minn Aequitas Legal datat 20 ta' Frar 2009 għall-perjodu Ottubru sa Diċembru 2008 fl-ammont ta' €3,298.40.
13. Invoice Nru SR 6527 maħruġ minn Aequitas Legal datat 9 ta' April 2009 għall-perjodu Jannar sa Marzu 2009 fl-ammont ta' €3,298.40.
14. Invoice Nru SR 5403 maħruġ minn Aequitas Legal datat 25 ta' Lulju 2007 għall-servizzi professjonali f'kawżi fl-ammont ta' Lm1,652.
15. Riċevuta Fiskali maħruġa minn Aequitas Legal datata 25 ta' Lulju 2007 fl-ammont ta' Lm1,652.
16. Invoice Nru SR 5462 maħruġ minn Aequitas Legal datat 25 ta' Awissu 2007 għall-servizzi professjonali f'kawżi fl-ammont ta' Lm944.
17. Riċevuta Fiskali maħruġa minn Aequitas Legal datata 29 ta' Awissu 2007 fl-ammont ta' Lm944.
18. Invoice Nru SR 5550 maħruġ minn Aequitas Legal datat 8 ta' Ottubru 2007 għall-servizzi professjonali f'kawżi fl-ammont ta' Lm1,679.50.
19. Riċevuta Fiskali maħruġa minn Aequitas Legal datata 18 ta' Ottubru 2007 fl-ammont ta' Lm1,679.50.

20. Kuntratt ta' Transazzjoni iffirmat fl-atti tan-Nutar Rita Sammut fl-1 ta' Ġunju 2009 bejn il-familja Gatt Baldacchino u Boris Arcidiacono f'ismu u għas-soċjetajiet tiegħu.
21. Skrittura Privata ta' ftehim bejn Gatt Baldacchino, Cachia u Arcidiacono, datata 1 ta' Ġunju 2009.
22. Kuntratt ta' ħlas bejn Dr Richard Galea Debono bħala mandatarju u Arcidiacono Limited datat 1 ta' Ġunju 2009.
23. Kuntratt ta' ħlas bejn Dr Vincent Falzon bħala mandatarju u Arcidiacono Limited datat 1 ta' Ġunju 2009.
24. Kontro Mandat Nru 919/2009 datat 3 ta' Ġunju 2009.
25. Kontro Mandat Nru 909/2009 datat 1 ta' Ġunju 2009.
26. Kontro Mandat Nru 907/2009 datat 1 ta' Ġunju 2009.
27. Kontro Mandat Nru 903/2009 datat 1 ta' Ġunju 2009.
28. Kontro Mandat Nru 908/2009 datat 1 ta' Ġunju 2009.
29. Kontro Mandat Nru 913/2009 datat 2 ta' Ġunju 2009.
30. Kontro Mandat Nru 906/2009 datat 1 ta' Ġunju 2009.
31. Kontro Mandat Nru 905/2009 datat 1 ta' Ġunju 2009.
32. Kontro Mandat Nru 904/2009 datat 1 ta' Ġunju 2009.
33. Kontro Mandat Nru 921/2009 datat 3 ta' Ġunju 2009.
34. Kontro Mandat Nru 920/2009 datat 3 ta' Ġunju 2009.
35. Kontro Mandat Nru 1705/2009 datat 3 ta' Ġunju 2009.
36. Kont tan-Nutar Rita Sammut Ganado datat 17 ta' Ġunju 2009.
37. Ċekkijiet ta' ħlas lin-Nutar Rita Sammut Ganado.
38. Ittra lill-Kummissarju tal-VAT minn KPMG datata 27 ta' Mejju 2010.
39. Ħlas u ricevuta tal-VAT fl-ammont ta' €13,150.68 fis-27 ta' Mejju 2010.
40. Ittra u Statement tal-VAT datata 21 ta' Ottubru 2010.
41. Ittra mingħand HSBC datata 28 ta' Settembru 2011.
42. Ittra minn Boris Arcidiacono lil HSBC datata 3 ta' Ottubru 2011.
43. Ittra Reġistrata minn Boris Arcidiacono lil HSBC datata 29 ta' Ottubru 2011.
44. Ittra tal-HSBC lil Boris Arcidiacono datata 3 ta' Novembru 2011.
45. Ittra Uffiċjali tal-HSBC kontra Boris Arcidiacono Limited datata 3 ta' Jannar 2017.
46. Ittra Uffiċjali ta' Boris Arcidiacono Limited kontra HSBC datata 6 ta' Jannar 2017.
47. Ittra Uffiċjali responsiva ta' Boris Arcidiacono Limited kontra HSBC datata 30 ta' April 2017.
48. L-atti kollha tal-proċeduri HSBC Malta Plc v Boris Arcidiacono Limited Nru 456/12 deċiża fil-11 ta' Diċembru 2012.
49. Statement tal-HSBC datat 30 ta' Lulju 2012.
50. Rapport dwar interessi imħallsa redatta mis-soċjeta' rikorrenti.
51. Rapport dwar spejjeż inkorsi mis-soċjeta' rikorrenti datata 12 ta' Mejju 2014.
52. Statement of Account tas-soċjeta' Boris Arcidiacono Limited datata 29 ta' April 2014.
53. Ittra Uffiċjali minn HSBC kontra Boris Arcidiacono Limited, Arcidiacono Limited u Barc Co Limited, datata 16 ta' Lulju 2012.

I. Dokument eżebit mix-xhud Joseph Cordina fl-14 ta' Mejju 2014.

1. Ittra minn Richard Cottell (HSBC) lil Boris Arcidiacono datata 3 ta' Mejju 2011 (ĠIA EŻEBITA)

J. Dokument eżebit waqt ix-xhieda ta' Robert Delezio fit-23 ta' Ġunju 2015.

   1. Email datata 26 ta' Ġunju 2009 indirizzata lil Robert Delezio dwar għamara illi ser tiġi akkwistata.

K. Dokument ippreżentat permezz ta' nota tas-soċjeta' rikorrenti fil-31 ta' Mejju 2016:

   1. Memorandum & Articles of Association tas-soċjeta' Aequitas Management Ltd.

L. Dokument eżebit waqt ix-xhieda ta' Dr Paula Mifsud Bonnici fit-23 ta' Mejju 2017:

   1. Deposit Voucher tal-HSBC datat 3 ta' Ġunju 2009 ta' €86,210 ġo kont intitolat 'Dr Adrian Delia – Clients Account' (ĠIA EŻEBIT).

M. Dokumenti eżebiti mal-affidavit ulterjuri ta' Boris Arcidiacono datata 17 ta' Ottubru 2019:

   1. Ittra minn Boris Arcidiacono lil Robert Delezio (HSBC) datata 19 ta' Diċembru 2008 għal faċilita' ta' €750,000 (ĠIA EŻEBITA).
   2. Ittra minn Boris Arcidiacono lil Robert Delezio (HSBC) datata 6 ta' Jannar 2009 għal faċilita' ta' €800,000 (KOPJA IDENTIKA IŻDA DATATA 10 TA' JANNAR 2009 ĠIA EŻEBITA).
   3. Skeda ta' Spejjeż Legali skond Taxxi Legali maħruġa dwar varji kawżi fl-ammont komplessiv ta' €49,483.05.

N. Dokumenti eżebiti mal-affidavit ta' James Farrugia datata 26 ta' Mejju 2021:

   1. Statement tal-HSBC tal-kont 085 043404 305 sal-24 ta' Mejju 2021.
   2. Sanction Letter HSBC datata 1 ta' Lulju 2009. (EŻEBITA GĦAT-TIELET DARBA)
   3. Ċedola ta' Depositu Nru 1018/19 datata 30 ta' Mejju 2019 tas-soċjeta' rikorrenti ta' €2,616.27 rappreżentanti l-bilanċ tal-faċilita' bankarja fuq imsemmija 085 043404 305.

O. Dokumenti eżebiti waqt ix-xhieda ta' Ruth Seychell mogħtija fid-19 ta' Ottubru 2021:

   1. Statement tal-HSBC tal-kont 085 043404 305 sal-22 ta' Ġunju 2021 li juri li l-kont kollu gie saldat permezz ta' depostu ta' €2,944.36 illi sar fis-16 ta' Ġunju 2021.

   2. Rat ix-xhieda tar-rikorrenti, **Maria Mallia**, mogħtija fis-27 ta' Frar 2018.

9. Rat illi s-soċjeta' rikorrenti għalqet il-provi tagħha fis-27 ta' Jannar 2021, wara erbgħa u ħamsin (54) seduta.
10. Rat illi s-soċjeta' intimata HSBC Bank Malta plc għalqet il-provi tagħha fis-26 ta' Mejju 2021, wara żewġ seduti.

11. Rat illi l-kjamat in kawża Dr Adrian Delia għalaq il-provi tiegħu fl-20 ta' Jannar 2022, wara żewġ seduti.

12. Rat illi fl-20 ta' Jannar 2022, il-kawża ġiet differita għas-sottomissjonijiet bil-miktub tas-soċjeta' rikorrenti.

13. Rat illi fid-29 ta' Settembru 2022, is-soċjeta' rikorrenti ippreżentat is-sottomissjonijiet tagħha bil-miktub.

14. Rat illi fid-29 ta' Settembru 2022, is-soċjeta' rikorrenti talbet illi l-ewwel talba tar-rikors promotur minnha ppreżentat fit-23 ta' Mejju 2011 jiġi emendat u mibdul, liema talba ġiet miċħuda minn dina l-Qorti stante illi l-provi kienu magħluqa u l-kawzż kienet fi stadju ta' sottomissjonijiet finali.

15. Rat illi fit-12 ta' Diċembru 2022, is-soċjeta' intimata HSBC Bank Malta plc ippreżentat is-sottomissjonijiet tagħha bil-miktub.

16. Rat illi fit-12 ta' Diċembru 2022, il-kjamat in kawża Dr Adrian Delia ippreżenta s-sottomissjonijiet tiegħu bil-miktub.

17. Rat illi fit-12 ta' Diċembru 2022, il-kawża ġiet differita għas-sentenza.

**Fatti tal-każ**

18. Jirriżulta, mill-assjem tal-volum ta' dokumentazzjoni u provi mressqu quddiem dina l-Qorti fuq medda ta' madwar tnax-il sena, illi s-soċjeta' rikorrenti Boris Arcidiacono Limited kienet ottjeniet Sanction Letter fl-24 ta' Frar 2009 fejn, flimkien ma' faċilitajiet Bankarji ġia mogħtija lilha mill-bank intimata HSBC Malta plc, ingħatat faċilita' bankarja addizzjonali ta' €800,000 sabiex tkun tista' tiffinanzja ftehim bonarju illi kienet qed tagħmel l-istess soċjeta' rikorrenti ma' terzi in konnessjoni ma' propjeta' tagħha ġewwa l-Imsida.

19. Jirriżulta illi d-diċitura ta' tali Sanction Letter kien jgħid speċifikatament illi tali flejjes kienu intiżi: (fol 11)

> *"To finance the out of court settlement with respect to dispute regarding the Msida premises, meet legal fees/court fees and stamp duty, settle amount due to Mr Renato and Mrs Antoinette Arcidiacono, clear overdue payments to Inland Revenue for Paye and Company tax and carry out minor refurbishment works at the Msida premises."*

20. Jirriżulta illi permezz ta' kuntratt datat 1 ta' Ġunju 2009, fl-atti tan-Nutar Rita Sammut, is-soċjeta' rikorrenti ingħatat self ta' €800,000 għar-raġunijiet fuq deskritti kif ġia imniżżla fis-Sanction Letter. (fol 24)

21. Jirriżulta wkoll illi, fl-1 ta' Ġunju 2009, dejjem fl-atti tan-Nutar Rita Sammit, waqt laqgħa illi saret fl-uffiċini tal-Bank fejn kien ġia ġie ffirmat il-kuntratt tal-loan fuq imsemmi, fejn kienu preżenti, fost nies oħra, Boris Arcidiacono u l-kjamat in kawża Dr Adrian Delia, li kien il-konsulent legali tiegħu, saru varji kuntratti ta' transazzjoni bejn is-soċjeta' rikorrenti u Boris Arcidiacono personalment u s-segwenti partijiet, illi lkoll magħhom is-soċjeta' rikorrenti kellha pendenzi l-Qorti:

i. Il-familja **Gatt Baldacchino** tħallset is-somma ta' €524,109 "*għas-saldu bħala riżarċiment tad-dannu soffert mill-familja Gatt Baldacchino*" (fol 262 – 273), liema ħlas sar permezz ta' ċekk Nru 020363 maħruġ mill-Legal Office Contract Centre datat 1 ta' Ġunju 2009 (fol 88).

ii. **Horace Cachia**, li kien debitur tas-soċjeta' rikorrenti fl-ammont ta' €73,632.96, tħallas is-somma ta' €24,911.73, bħala pagament akkont, (fol 202 – 205) liema ħlas sar permezz ta' ċekk Nru 020364 maħruġ mil-Legal Office Contract Centre datat 1 ta' Ġunju 2009 (fol 89).

iii. Dr Richard Galea Debono, għan-nom tas-soċjeta' Taljana **Haworth S.p.A**, tħallas is-somma ta' €37.659.26 bħala sorte ta' sentenza datata 14 ta' Diċembru 2006 u €5,496.54 bħala spejjeż legali (fol 281 -286), liema ħlas komplessiv ta' €43,155.80 sar permezz ta' ċekk Nru 020365 maħruġ mil-Legal Office Contract Centre datat 1 ta' Ġunju 2009 (fol 90).

iv. Dr Vincent Falzon, għan-nom ta' **Renato u Antoinette Arcidiacono**, tħallas is-somma ta' €29,471 bħala "*balance of the interests and judicial costs and expenses due in terms of the Judgment*" (datata 8 ta' Ġunju 1999), liema ħlas sar permezz ta' ċekk Nru 020367 maħruġ mil-Legal Office Contract Centre datat 1 ta' Ġunju 2009 (fol 92).

22. Jirriżulta wkoll illi dakinhar inħarġu wkoll żewġ ċekkijiet oħra mil-Legal Office Contract Centre, ossija s-segwenti:

    i. Ċekk maħruġ a favur tal-Commissioner for Inland Revenue fl-ammont ta' €72,000 li jġib in-Numru 020366 (fol 91).

    ii. Ċekk maħruġ a favur ta' Dr Adrian Delia fl-ammont ta' €86,210 li jġib in-numru 020368 (fol 93).

23. Jirriżulta illi, sussegwentement, fit-23 ta' Ġunju 2009, is-soċjeta' Aequitas Legal ħarġet '*Tax Invoice T 6686 – Fees for professional services rendered*' fl-import total ta' €37,760 inkluż it-Taxxa għall-Valur Miżjud (VAT) bl-indikazzjoni 'PAID' (fol 86).

24. Jirriżulta illi, sussegwentement, fil-25 ta' Ġunju 2009, is-soċjeta' Aequitas Management Limited ħarġet '*Tax Invoice T 11/09 – Fees for professional services rendered*' fl-import totali ta' €48,450 inkluż it-Taxxa għall-Valur Miżjud (VAT) bl-indikazzjoni 'PAID' (fol 87).

25. Jirriżulta illi, permezz ta' ittra datata 10 ta' Awissu 2009, is-soċjeta' rikorrenti għamlet referenza għaż-żewġ invoices fuq imsemmija a para 23 u 24, u talbet li tingħata riċevuta fiskali (fol 123).

26. Is-soċjeta' rikorrenti, aktar preċiżament r-rappreżentant tagħha Boris Arcidiacono, jikkontendi illi huwa qatt ma ta struzzjonijiet lill-Bank intimat sabiex joħroġ ċekk ta' €86,210 lill-kjamat in kawża Dr Adrian Delia.

27. Jirriżulta, di fatti, illi fid-19 ta' Lulju 2010, ossija aktar minn sena wara, huwa kellu laqgħa mal-Bank fejn talab spjegazzjoni, liema laqgħa ġiet segwita minn Ittra għal

informazzjoni datata 11 ta’ Awissu 2010 (fol 95) u saħansitra Ittra Uffiċjali fl-24 ta’ Awissu 2010 (fol 94).

28. Jirriżulta illi sussegwentement saru laqgħat bejn Boris Arcidiacono u r-rappreżentanti tas-soċjeta' intimata, fosthom ma’ Godwin Farrugia u Robert Delezio kif ukoll Richard J Cottell, Head of Commercial Banking tas-soċjeta' intimata.

29. Jirriżulta illi, eventwalment, permezz ta’ ittra datata 3 ta’ Mejju 2011 l-istess Richard J Cottell għarraf lis-soċjeta' intimata illi kienu għamlu l-investigazzjonijiet kollha dwar dak allegat minnha u għarrfet lis-soċjeta' rikorrenti s-segwenti: (fol 99)

> *“Having now concluded our investigation, we cannot substantiate your claim that you did not know about or authorise the issue of a bank cheque on the 01 June 2009 to your legal consultant, Adrian Delia, in the sum of €86,210. We have written evidence to the contrart and must state that we take your allegations of wrong doing by a bank official to be inappropriate and unacceptable”*

30. Jirriżulta wkoll illi l-istess Richard J Cottell għarraf lis-soċjeta' rikorrenti illi l-faċilitajiet bankarji kollha mogħtija lis-soċjeta' rikorrenti kien ser jiġu terminati b’effett mill-31 ta’ Lulju 2011, u għalhekk s-soċjeta' rikorrenti kellha tagħmel l-arranġamenti neċessarji biex tħallas dak dovut.

31. Jirriżulta illi fit-23 ta’ Mejju 2011, is-soċjeta' rikorrenti nediet il-proċeduri odjerni fejn talbet is-segwenti:

    i. Jiġi ordnat lill-Bank sabiex tikkanċella d-debitu ta’ €86,210 maħruġ minnha a favur ta’ Dr Adrian Delia u minnha addebitat lis-soċjeta' rikorrenti;

    ii. Jiġi dikjarat illi s-soċjeta' intimata kkawżat danni lis-soċjeta' rikorrenti.

**Ikkunsidrat**

32. Jirriżulta, mill-fatti kif fuq stabbiliti u l-asserzjonijiet tar-rappreżentant tas-soċjeta' rikorrenti, ossija Boris Arcidiacono, illi l-kawża odjerna tippernja ruħha prinċipalment fuq dak illi seħħ fl-1 ta’ Ġunju 2009, meta saru varji kuntratti lkoll ippubblikati min-Nutar Rita Sammut u fejn saru varji pagamenti lill-terzi, fosthom lill-kjamat in kawża Dr Adrian Delia.

33. Jirriżulta fatt mhux kontestat illi, dakinhar tal-pubblikazzjoni ta’ tali kuntratti, Dr Adrian Delia kien il-konsulent legali tas-soċjeta' rikorrenti, u dana bħala Avukat li kien qed jippresta servizzi kemm bħala Aequitas Legal kif ukoll bħala Aequitas Management Limited.

34. Jirriżulta fatt mhux ikkontestat wkoll illi, sa dakinhar, is-soċjeta' rikorrenti kellha varji pendenzi ġudizzjarji ma’ terzi u li għaliha kien qiegħed jipprestalha s-servizzi Dr Adrian Delia, kif fuq aħjar deskritt.

35. Jirriżulta wkoll fatt mhux ikkontestat illi fil-ġurnata tal-1 ta’ Ġunju 2009, saru varji kuntratti ġewwa l-uffiċji tal-Bank intimat, lkoll quddiem in-Nutar Rita Sammut, fejn kien preżenti personalment ir-rappreżentant tas-soċjeta' rikorrenti, ossija Boris

Arcidiacono flimkien ma' varji persuni illi dehru għal—varji kuntratti rispettivi illi kien hemm, u ġia indikati fil-para 21 aktar 'il fuq.

36. Jirriżulta illi l-kontestazzjoni prinċipali illi għandha quddiemha dina l-Qorti hija jekk l-pagament ta' €86,210 lil Dr Adrian Delia kienx pagament awtorizzat, kemm mill-faċilita' bankarja mogħtija mill-Bank intimat, kif ukoll mis-soċjeta' rikorrenti illi kienet qiegħda tittransiġi varji kwistjonijiet u pendenzi legali illi hija kellha u li għaliha kien qiegħed jassistiha Dr Adrian Delia.

37. Jirriżulta, għalhekk, illi dina l-Qorti trid tqis u teżamina x-xhieda tal-persuni illi attwalment kienu preżenti dakinhar – ossija Boris Arcidiacono, Dr Adrian Delia, Dr Ethelbert Fenech Adami u n-Nutar Rita Sammut. Ix-xhieda l-oħra kollha imressqa mis-soċjeta' rikorrenti tul l-għaxar snin illi ħadet tressaq il-provi, ma jitfgħu ebda dawl dwar il-laqgħa u l-kuntratti li saru fl-1 ta' Ġunju 2009, stante illi jirrigwardaw diskussjonijiet illi l-istess soċjeta' rikorrenti kellha mal-Bank kemm qabel kif ukoll wara l-iffirmar tal-kuntratti u bl-ebda mod ma jagħtu informazzjoni siewja u meħtieġa dwar dak illi attwalment seħħ fl-1 ta' Ġunju 2009 – li huwa l-qofol kollu tal-każ odjern!

### 1 ta' Ġunju 2009

38. Il-Qorti tqis illi jkun opportun illi l-ewwel tibda billi tagħmel referenza għal dak illi ddikjara **Boris Arcidiacono** fl-affidavit tiegħu dwar is-servizzi lilu reżi mill-kjamat in kawża Dr Adrian Delia fejn, fl-affidavit ippreżentat fis-6 ta' Marzu 2012, kellu dan xi jgħid: (fol 68/69)

> *14. Ngħid li dak iż-żmien kien hemm diżgwid għaddej fuq kemm kellha titħallas id-ditta tal-avukat Aequitas Legal ġialadarba nagħmlu dan il-kuntratt. Ngħid li fil-bidu li konna bdejna nittransiġu Dr. Adrian Delia kien bagħat jgħidli ma' Dr. William Cuschieri li kien ried is-somma ta' ħamsin elf (50,000.) Jiena kont ħadt qatgħa meta kien qalli hekk. Kont staqsejtu x'inhuma dawn Maltin jew Euros? Kien qalli li kienu Maltin. Jiena kont staqsejt għalfejn kien ried Lm50,000 meta jiena kelli r-retainer agreement għaddej. L-avukat William Cuschieri kien qalli biex inkellem lill-avukat Adrian Delia u nara x'kienet il-biċċa xogħol. Jiena kont għidtlu biex jgħid lil Delia sabiex joħodhom mingħand il-familja Gatt Baldacchino jekk irid għax jiena kont inħallsu r-retainer. Jiena ma kellix Lm50,000 minn fejn inħallsu u anki lill-Awditur tiegħi kont għidt b'dan u ċioe lil Emanuel Farrugia. Dan kien xhur qabel ma ffirmajna l-kuntratt.*
>
> *15.Niftakar li darba, ftit qabel ma kellna niffirmaw il-kuntratti, konna ltqajna l-uffiċju ta' Aequitas Legal u kien hemm anki l-avukat Georg Sapiano u kien qalli li kienu qegħdin jippretendu li jitħallsu s-somma ta' Lm50,000 u kien qalli 'not a penny less.' Kien beda jgħidli li kieku ma kienx għalihom il-bank ma kienx ser jislifni l-facility. Jiena xorta ma aċċettajtx għax dan il-kliem ma kienx aċċettabli għalija.*
>
> *16.Ngħid li l-kumpanija Boris Arcidiacono dejjem kellha faċilitajiet bankarji mal- bank HSBC. Konna ilna naħdmu mal-HSBC minn dejjem, fil-fatt tant hu hekk li qabel kont naħdem bil-Mid Med Bank qabel ma saret it-takeover mill-HSBC. Qed ngħidu madwar fuq tletin sena u ċioe mill-bidu nett li bdiet topera is- soċjeta' Arcidiacono Limited u huwa għalhekk li mhuwiex minnu li l-Bank*

*tawni din il-facility minħabba xi aġir ta' l-avukat Adrian Delia jew ta' Georg Sapiano. Jiena kont bqajt ninsisti magħhom li jien inħallas ir-retainer u għalhekk ebda ħlas ieħor ma kien dovut.*

*17. Kien sa jumejn qabel il-kuntratt li Delia kien baqa' jinsisti sabiex jitħallas dawn il-Lm50,000. Niftakar li kien qalli "Issa naraw!' kont għidtlu li mhux ser nagħtihomlu. Kien qalli li l-kuntratt mal-familja Gatt Baldacchino ma kienx ser isir jekk ma nħallsux, iżda jien kont għidtlu biex jekk ma jridx ma jagħmluhx. Jiena kont qed nippretendi li Dr. Delia ikun preżenti għall-kuntratt peress li r-retainer agreement li kellna bejnietna kien jinkludi ukoll dan is-servizz u ċioe "representation on agreements and contracts."*

39. Jirriżulta illi **Dr Adrian Delia**, fix-xhieda mogħtija minnu, fil-31 ta' Mejju 2018, fuq domandi tal-avukat tas-soċjeta' rikorrenti li kien dakinhar jippatroċinaha, kien qal hekk dwar tali ftehim:

*L-ammont pattwit kien aktar minn dak l-ammont illi eventwalment tħallast biċ-ċekk a fol 81, fil-fatt il-ftehim kien ta' ħamsin elf lira Maltin (Lm50,000). Dan l-ammont kien miftiehem bejn id-ditta li jiena kont nippresta s-servizzi legali fiha u s-Sur Arcidiacono jew is-soċjeta' li kien qed jirrappreżenta. Mistoqsi nistax nippreżenta kopja ta' dan il-ftehim ninforma lil Qorti li jiena bl-ebda mod ma għidtt illi l-ftehim kien wieħed skritt. Nikkonferma li l-ftehim ta' pagament ta' ħamsin elf lira Maltin (Lm50,000) kien wieħed verbali.*

*Mistoqsi jekk jiena tlabtx lil Boris Arcidiacono jagħmilli karta in sostenn ta' dan il-ftehim ngħid ma niftakarx illi kien hemm xi karta partikolari ffirmata f`dan ir-rigward pero` naf illi ammont sostanzjali minn dan il-ftehim tħallas kif jidher mill-kopja taċ-ċekk a fol 81. Jiena fil-fatt tajt ukoll riċevuti għal dan il-pagament, niftakar ukoll illi s-Sur Arcidiacono kien intavola lment mal-Kamra tal-Avukati u hemmhekk jiena tajt l-ispjegazzjoni kollha anke bil-miktub u ma nstab xejn fil-konfront tiegħi u ma ttieħdu l-ebda passi fil-konfront tiegħi.*

...

*Nixtieq ninforma lil Qorti l-forma kif bdiet din il-kwistjoni tar-retainer u ngħid illi oriġinarjament is-Sur Arcidiacono kellu diversi kwistjonijiet il-Qorti biss u konna ftehmna fuq pagament fix-xahar għal numru tax-xhur. Meta eżawrejna l-proċessi kollha fil-Qorti, wara ċertu żmien is-Sur Arcidiacono nfurmani li ma kienx jaf kemm ħa jdum ma jagħlaq il-proċeduri, naf li kien waqa' lura f`xi pagamenti f`dan ir-retainer, infurmani wkoll illi ma setax jibqa' jħallas, qalli jkun jista' jħallasni jekk jirnexxielu jġib is-self mill-Bank intimat u f`dan ir-rigward jiena u s-soċjeta' legali tiegħi kienu jassistuh f'dan ir-rigward ukoll u konna nkunu preżenti f'diskussjonijiet li hu kien ikollu mal-istess Bank u din kienet ir-raġuni għalfejn mir-retainer qlibna biex nagħmlu ammont komplessiv. Naf li r-retainer kien għal perjodu ta' żmien li ma niftakarx iżda pero' hemm xi karti li juru dan u l-ammont pattwit kien bir-rata mensili.*

40. Jirriżulta, minn tali xhieda, illi s-soċjeta' legali illi fiha l-kjamat in kawża Dr Adrian Delia kien jipprattika, ossija Aequitas Legal, kienet talbet illi, sabiex jiġu ffirmati l-kuntratti kollha mal-HSBC u ma' terzi, illi lkoll kemm huma ġew eventwalment iffirmati fl-1 ta' Ġunju 2009, kellha titħallas l-ammont ta' Lm50,000, ossija €116,500.

41. Jirriżulta illi Boris Arcidiacono kien ġie mgħarraf dan minn Dr William Cuschieri, avukat illi issa qiegħed jippatroċina lis-soċjeta' rikorrenti, u li dak iż-żmien kien jaħdem fid-ditta Aequitas Legal flimkien ma' Dr Adrian Delia.

42. Jirriżulta illi Boris Arcidiacono jidher illi kkontesta tali rikjesta meta huwa kellu laqgħat in konnessjoni ta' tali kuntratti qabel ma attwalment saru, u dana meta huwa ltaqa' kemm ma' Dr Georg Sapiano kif ukoll l-istess Dr Adrian Delia, u f'kull okkazzjoni, l-Avukati kollha fuq indikati lkoll ikkonfermaw illi sabiex jipprestaw is-servizzi tagħhom biex jiġi konkluż il-kuntratt mal-HSBC, huma kellhom jitħallsu Lm50,000 ossia €116,500.

43. Jirriżulta illi, minkejja l-oġġezzjonijiet li jidher li esprima Boris Arcidiacono, huwa pproċeda bil-proċess biex isiru l-kuntratti kollha mal-HSBC u dana bis-servizzi illi kienu qed jiġu lilu pprovduti mid-ditta legali ta' Dr Adrian Delia, ossija Aequitas Legal.

44. Jirriżulta ċar, għalhekk, illi Boris Arcidiacono, ghalkemm ben akkorrent ta' kemm kienet qed titlob id-ditta Aequitas Legal sabiex jiġu konklużi l-kuntratti mal-HSBC, ipproċeda sabiex ikompli bl-inkariku mogħti lil Aequitas Legal u kkonkluda l-arranġamenti illi kienu sarulu mal-HSBC fejn ffirma l-kuntratti kollha li kien hemm, bl-assistenza tad-ditta Aequitas Legal u Dr Adrian Delia, fost avukati oħra, bħala konsulent legali fil-pubblikazzjoni ta' tali kuntratti.

45. Jirriżulta illi dakinhar tal-iffirmar tal-kuntratti, kien hemm ukoll preżenti **Dr Ethelbert Fenech Adami**, illi għalkemm mhux preżenti tul il-qari tal-varji kuntratti li kienu saru, eventwalment kien preżenti meta nħarġu ċ-ċekkijiet, stante illi kien huwa illi kiteb u ffirma ċ-ċekkijiet wara illi vverifika mal-partijiet preżenti. Dwar il-proċess kollu tal-qari u ffirmar tal-kuntratti kif ukoll il-ħruġ taċ-ċekkijiet, Dr Fenech Adami kellu dan xi jgħid meta xehed fil-5 ta' Mejju 2016 (fol 547):

> *Ħin minnhom qaluli li kienu lesti li jagħmlu l-kuntratt għalhekk mort fil-kamra ħdejn l-oħrajn senjatament il-partijiet kollha nvoluti fil-kuntratt inklużi s-secured *credit*.*
>
> *<u>Naf illi s-Sur Arcidiacono kien preżenti l-ħin kollu tul il-kuntratt. Naf ukoll illi lanqas ħareġ darba mill-kamra fejn kien qed isir il-kuntratt u semgħu kollu. Meta jiena staqsejthom kif kont ser noħroġ iċ-ċekkijiet kien Dr Adrian Delia illi tani ndikazzjoni kif kelli noħroġhom u ħriġt madwar ħamsa. Ħriġthom fil-kamra fejn kont fil-preżenza tas-Sur Arcidiacono. Hija tattika tiegħi illi jiena nsaqsi lil partijiet minn qabel ħalli meta noħroġ iċ-ċekkijiet dawn joħorġu b`mod regolari u ma jkollix għalfejn noqgħod nikkanċella ċ-ċekkijiet.</u>*
>
> *Mistoqsi jekk intlabtx xi evidenza dwar il-pagamenti li kellhom isiru ngħid illi jiena ma nkunx preżenti f`dan il-kuntratt biex nikkonferma xi lanjanza jew xi talba tal-partijiet. Il-mansjoni tiegħi hi li nara li l-ipoteki jkunu għas-sodisfazzjon tal-Bank u f`dan il-każ kienu tas-Sur Arcidiacono. Nikteb il-*

*kuntratt imbagħad naffetwa l-pagament. L-Uffiċċju Legali tal-Bank hu biss il-*lunga marus* tar-Relations Officers li jieħu ħsieb jagħmel ipoteki u l-kuntratti in diżamina. Jiena pero ma niddeċiedi xejn fuq l-ammonti.*

*Kien għalhekk illi qabel għamilt il-verifiki tiegħi fir-rigward ma` Robert Delezio. L-ammonti kien indikahomli Dr Adrian Delia u lil Delezio nfurmajtu li kienu qed jintalbu dawk il-ħames ċekkijiet, staqsejtu jekk hux kollox sew, hu vverifika mal-Uffiċċju tiegħu u qalli li kollox kien all right u ffirmahomli. Il-bank draft iffirmajtu jiena u firmatarju ieħor mill-Legal Office ma nafx min kien. Qed niġi muri fol 70 tal-proċess u fuqu nagħraf il-firma tiegħi fuq il-lemin u fuq ix-xellug hemm il-firma tal-Avukat Dr Paula Mifsud Bonnici. Ninforma lil Qorti li Dr Mifsud Bonnici ma kinetx involuta fil-proċess in diżamina.*

*Wara li jiġi konkluż kollox ngħaddi ċ-ċekkijiet lil Avukati tal-partijiet biex jgħadduhomlhom. Tul dan iż-żmien kollox ħadd ma oġġezzjona għal ebda ċekk. Dan b`referenza għal perjodu kemm domna niddiskutu l-kuntratt, nirrediġuh u jieħdu ċ-ċekkijiet. Mistoqsi jekk il-Bank jistabbilix il-pagament fuq xi formola ngħid le. Il-pagamenti ġew addebitati biċ-ċekk tal-Bank. Mistoqsi kif jiġu addebitati dawn iċ-ċekkijiet lil klijenti ngħid illi mbagħad fil-Bank stess hemm Dipartiment ieħor li jaddebita l-istess ċekkijiet. Mistoqsi kemm kien l-ammont sħiħ addebitat lis-Soċjeta' rikorrenti ngħid illi ma niftakarx.*

46. Jirriżulta ċar, għalhekk, minn tali xhieda, illi Boris Arcidiacono kien ben a korrent ta' kull ma kien qiegħed jiġri u kull ċekk illi attwalment inħareġ u għalhekk kien ukoll ben a korrent taċ-ċekk illi kien inħareġ lil Dr Adrian Delia u li dwaru sussegwentement huwa ilmenta u nieda l-proċeduri odjerni illi ilhom għaddejjin għal dawn l-aħħar tnax-il sena.

47. Il-Qorti tosserva illi xhud ieħor illi setgħet titfa' dawl fuq dak li ġara dakinhar tal-iffirmar tal-kuntratt kienet in-**Nutar Rita Sammut Ganado**, illi xehdet fl-10 ta' Novembru 2020. Madanakollu, fix-xhieda tagħha, n-Nutar ma setgħet tiftakar xejn ta' rilevanza, tant illi stqarret li lanqas ma tiftakar tara lil Dr Adrian Delia preżenti, għalkemm huwa fatt inkontestat illi dakinhar Dr Adrian Delia kien preżenti.

48. L-aħħar xhud ta' rilevanza għall-proċeduri odjerni kien **Robert Delezio**, illi kien jokkupa l-kariga ta' Commercial Relationship Manager fi ħdan l-HSBC u li kien jamministra l-ħtiġijiet tas-soċjeta' rikorrenti bħala klijent tagħha. Delezio, illi xehed fit-23 ta' Ġunju 2015 u fil-11 ta' Novembru 2015, fejn fl-unika xhieda rilevanti tiegħu mogħtija fit-23 ta' Ġunju 2015, huwa kellu dan xi jgħid:

*Is-self in diżamina kien inġibed f'Ġunju, 2009 u xi sena u xahrejn wara Boris Arcidiacono ġie jistaqsi kif ħarġu ċ-ċekkijiet mill-legal office. Wera wkoll dubju rigwardanti l-awtentiċita` tas-'sanction letter' u kważi kkontesta li ma kienx jaf kemm bl-ammont li ġie miġbud u kemm kien l-ammont li kien għad fadal.*

...

*Għalhekk għal Bank sakemm il-flus li kienu qed jinġibdu mis-Soċjeta' li sellfet l-ammonti mingħandu kienu jiġu koperti mill-faċilita' li ngħatat kien ikun sodisfatt. Il-legal office kien talabni napprovax il-pagamenti skont il-kuntratt in diżamina u jiena approvajt li jsiru l-pagamenti la kienu skont il-parametri tas-self li ġie kkuntrattat.*

*L-awtorizzazzjoni li tajt jiena kienet fis-sens li sakemm il-bilanċ involut ma kienx qed jiġi superat allura kont qed nawtorizzahom ġaladarba kien qed jissodisfa l-ħtiġijiet tal-klijent.*

49. Jirriżulta, għalhekk, mix-xhieda ta' Robert Delezio, illi ċ-ċekkijiet kollha illi ffirma Dr Ethelbert Fenech Adami, li kien preżenti dakinhar tal-iffirmar tal-kuntratt, kienu lkoll pagamenti debitament awtorizzati mis-Sanction Letter illi s-soċjeta' rikorrenti kienet ingħatat u għaldaqstant kienu pagamenti leġittimi illi setgħet tagħmel il-bank abbażi ta' istruzzjonijiet illi kienu qed jiġu lilha mogħtija dakinhar tal-iffirmar tal-kuntratti, kif ikkonferma wkoll Dr Ethelbert Fenech Adami.

## Ikkunsidrat

50. Il-Qorti tosserva illi, wara li l-provi kollha kienu ngħalqu u **wara** illi s-soċjeta' rikorrenti kienet ippreżentat is-sottomissjonijiet bil-miktub tagħha tramite konsulent legali li, sa dakinhar li ppreżenta s-sottomissjonijiet, kien għadu ma kienx qiegħed jippatroċinja lis-soċjeta' rikorrenti, hija talbet illi temenda l-ewwel talba tagħha – dina t-talba ġiet miċħuda minn dina l-Qorti.

51. Jirriżulta, mill-assjem tal-provi kollha miġbura quddiema, illi s-soċjeta' rikorrenti kienet ben a korrent tal-import illi kien dovut lil Aequitas Legal għas-servizzi minnha reżi, tramite Dr Adrian Delia, għall-iffinalizzar ta' ħames kuntratti pubbliċi, ossija wieħed (1) ta' self minghand l-HSBC u erbgha (4) ta' transazzjoni ma' terzi.

52. Jirriżulta illi s-soċjeta' rikorrenti tikkontendi illi l-ammont mħallas lil Dr Adrian Delia ma kienx attwalment dovut, peress illi s-soċjeta' legali ta' Dr Adrian Delia kellha retainer mas-soċjeta' rikorrenti u s-servizzi resi mill-istess soċjeta' legali ta' Dr Adrian Delia kienu koperti minn tali retainer.

53. Jirriżulta, madanakollu, illi dak sottomess mis-soċjeta' rikorrenti dwar retainer ma kienx ikopri s-servizzi reżi lill-istess soċjeta' rikorrenti in konnessjoni mal-kuntratti kollha fuq imsemmija, u dana kif aħjar spjega Dr Adrian Delia fix-xhieda tiegħu.

54. Jirriżulta, għalhekk illi l-pagament ta' €86,210 illi sar lil Dr Adrian Delia mill-bank intimat għan-nom tas-soċjeta' rikorrenti kien pagament għal servizzi reżi mid-ditti legali ta' Dr Adrian Delia u li r-rappreżentant tar-rikorrent, Boris Arcidiacono, kien ben a korrent QABEL l-iffirmar tal-kuntratti kollha.

55. Jirriżulta wkoll illi s-soċjeta' intimata HSBC kienet korretta meta għamlet il-pagamenti kollha dakinhar li ġew iffirmati l-ħames kuntratti fil-Legal Office tal-HSBC, fosthom il-pagament illi sar lil Dr Adrian Delia bħala "legal fees" relatati ma "out of court settlements", kif indikat fis-Sanction Letter illi kienet ingħatat lis-soċjeta' rikorrenti, u għalhekk t-talba tas-soċjeta' rikorrenti għall-kanċellament tal-addebitament tas-somma ta' €86.210 li sar fuq il-kont tas-self tas-soċjeta' rikorrenti ma hijiex waħda ġustifikata u ma timmeritax illi tiġi akkolta.

56. Jirriżulta wkoll illi, la darba ġie ampjament ippruvat illi s-soċjeta' intimata illi hija mxiet in linja ma' dak miftiehem mas-soċjeta' rikorrenti, kwalsiasi talba għal danni kif pretiżi mill-istess soċjeta' rikorrenti ma huma bl-ebda mod dovuti.

57. Jirriżulta wkoll, mill-banda l-oħra, illi għalkemm l-kjamat in kawża Dr Adrian Delia jikkontendi illi huwa ma huwiex il-leġittimu kontradittur, huwa fatt inkontestat illi l-bażi tal-azzjoni odjerna hija kwistjoni illi seta' kien hemm bejn is-soċjeta' rikorrenti u Dr Adrian Delia flimkien mad-ditta tiegħu Aequitas Legal, għas-servizzi reżi minnu, liema kwistjoni, għalkemm prettament mhux direttament konnessa mat-talba kif redatta, setgħet b'xi mod ikollha effetti fuq il-kjamat il-kawża kieku d-decizjoni tal-Qorti kienet differenti minn dik illi ser tippronunzja. Għalhekk, l-eċċezzjoni li ma huwiex il-leġittimu kontradittur ma' tirriżultax.

58. Jirriżulta, mill-banda l-oħra, illi l-eċċezzjonijiet fil-meritu tal-kjamat in kawża jimmeritaw illi jintlaqgħu peress illi rriżulta ċar, mill-provi kollha prodotti, illi l-aġir tal-bank intimat kien wieħed korrett, filwaqt illi l-allegazzjonijiet magħmula mis-soċjeta' rikorrenti fil-konfront tar-rikorrenti ma ġewx ippruvati kif trid il-Liġi, u għalhekk l-eċċezzjonijiet fil-meritu mqajjma mill-kjamat in kawża jimmeritaw illi jintlaqgħu.

**Konklużjoni**

**Il-Qorti**,

Wara illi rat l-atti u semgħet x-xhieda;

Wara illi rat is-sottomissjonijet bil-miktub tal-abbli difensuri tal-partijiet;

Tgħaddi biex taqta' u tiddeċiedi l-vertenza billi:

**Tiċħad** l-eċċezzjoni preliminari tal-kjamat in kawża.

**Tilqa'** l-eċċezzjonijiet tas-soċjeta' intimata kif ukoll l-eċċezzjonijiet fil-meritu tal-kjamat in kawża, u għalhekk:

**Tiċħad** it-talba rikorrenti kif dedotta.

**Spejjeż** tal-proċeduri odjerni ikunu kollha a kariku tas-soċjeta' rikorrenti.

**Francesco Depasquale LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**